# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Mejju 2019**

**Kawza Numru : 29**
**Rikors Guramentat Numru : 971/2018/LSO**

**Sameh Abdeltawab Abdelrahman Mustafa [I.D. numru 137645 A] u Franziska Baur [I.D. numru 66959 A] bhala kuraturi tal-minuri binthom Alia li twieldet fil-5 ta' Awwissu 2015.**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Sameh Abdeltawab Abdelrahman Mustafa et noe datat 2 ta’ Ottubru 2018 fejn bil-gurament jikkonferma:-

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Alia mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru erbgha zero tmienja tlieta tas-sena elfejn u hmistax (4083/2015) anness u mmarkat bhala Dok. A, il-minuri Alia hija ndikata bhala wild l-atturi Sameh Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa u Franziska Baur nee' Baur wife of the said Sameh Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa.

Illi isem l-esponenti Sameh Abdeltawab Abdelrahman Mustafa huwa "Sameh"; kunjomu huwa "Mustafa"; filwaqt li l-ismijiet l-ohra "Abdeltawab Abdelrahman" huma ismijiet moghtija biex jindikaw l-antenati tal-persuna. Dan jirrizulta minn diversi dokumenti, inkluz mir-Residence Documentation mahrug minn Malta stess [Dok. B] u mil-Licenzja tas-Sewqan mahruga minn Malta wkoll [Dok. C].

Illi fil-fatt fit-18 ta' Awwissu 2018, l-esponenti Sameh Abdeltawab Abdelrahman Mustafa u l-esponenti Franziska Baur kellhom tarbija, Naiima u fic-Certifikat tat-Twelid ta' din it-tarbija, Isem u Kunjom il-Wild huma gustament indikati bhala "Naiima Mustafa" [Dok. D].

Illi minkejja l-premess skont ic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri Alia, kunjom il-minuri huwa "Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa". Dan il-kunjom ma jaqbilx mal-kunjom ufficjali tal-esponenti missierha ossija "Mustafa" u lanqas mal-kunjom t'ohtha stess mill-istess genituri. Mhux biss izda mit-twelid il-minuri kienet dejjem maghrufa bhala Alia Mustafa.

Illi qabel tikber izjed, l-esponenti jridu li binthom tkun maghrufa b'isem u kunjom wiehed konformi ma' dak ta' missierha u t'ohtha.

Illi r-rikorrenti ghandhom interess skont il-ligi, *inter alia ai* termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16, li ssir id-debita korrezzjoni.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Sabiex tiddikjara li kunjom il-minuri Alia huwa "Mustafa" u mhux "Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa" u li l-minuri kienet minn twelidha maghrufa bhala "Alia Mustafa";

2. Tordna sabiex jigi korrett ic-Certifikat tat-Twelid numru 4083/2015 tal-minuri Alia, fis-sens li fil-kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom", ghandu jigi ndikat b'mod cjar li l-kunjom tal-minuri Alia ghandu jkun "Mustafa" u mhux "Abdel Tawab

Abdel Rahman Mustafa"; kif ukoll taht l-intestatura "Isem u Kunjom Missier it-tarbija", ghandu jigi ndikat b'mod car li isem Missier it-tarbija huwa "Sameh Abdeltawab Abdelrahman", filwaqt li kunjom Missier it-tarbija huwa "Mustafa".

3. Tati kull provvediment iehor li din l-Onor. Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta' Novembru 2018 (fol 35) fejn l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu iddikjara u kkonferma s-segwenti :

1. Illi l-esponent preliminarjament jeccepixxi illi Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u gurisprudenza nostrana;

2. Illi bla hsara ghall-premess u fil-mertu, l-esponenti jirrileva li mhux edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors euramentat;

3. Illi l-esponent jirrileva li meta twieldet il-minuri, giet sottomessa dikjarazzjoni mill-genituri sabiex l-istess minuri tigi registrata mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku. Tali dikjarazzjoni, qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1 '. Minn din id-dikjarazzjoni, huwa evidenti illi l-kunjom tal-minuri gie ddikjarat bhala 'Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa'. Ghal tali dikjarazzjoni, l-atturi ffirmaw l-imsemmija dikjarazzjoni u dan juri li huma kienu qed jaqblu mal-informazzjoni li kienet se tkun inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;

4. Illi *stante* s-suespost, l-esponent jissottometti illi ghaldaqstant ma jidhirx li hemm xi zball da parti l-esponent fl-Att t-Twelid tal-minuri Alia li jgib in-numru progressiv 4083/2018, liema Att inhareg mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku u jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2';

5. Illi fil-mertu l-esponenti ser jirrimmetti ruhu ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba kif dedotta, salv li l-provi prodotti fic-cirkostanza jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-TIieta, 9 ta' April 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat. Dr Ruth Scott u l-attur imsejha tliet darbiet ma dehrux. Dr Ellul iddikjarat li tistrieh fuq l-atti u fuq ir-risposta guramentata taghha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-10 ta’ Mejju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta saret debitament fid-9 ta’ Ottubru 2018 (fol 14).

Ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi korrett il-kunjom ta’ binthom minuri Alia fl-att tat-twelid, billi “Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa” jigi sostitwit bil-kunjom “Mustafa”.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-kunjom huwa “Mustafa.”

**Sameh Abdeltawab** xehed permezz ta' affidavit (fol 15), u qal li hu u martu Franziska Baur ghandhom zewgt itfal Alia, li twieldet fil-5 ta' Awwissu 2015, u Naiima li twieldet fit-18 ta' Awwissu 2018. Qal li fl-att tat-twelid ta' Alia, ismu hu indikat bhala "Sameh" u kunjomu hu indikat bhala "Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa", konsegwentement kunjom bintu tnizzel hekk ukoll. Spjega li fl-att tat-twelid ta' Naiima, ismu tnizzel bhala "Sameh Abdeltawab Abdelrahman" u kunjomu tnizzel bhala "Mustafa", ghalhekk, kunjom Naiima gie korrettement indikat bhala "Mustafa". Zied ighid li ismu hu Sameh, u "Abdeltawab Abdelrahman" huma ismijiet l-antennati tieghu, u kunjomu huwa "Mustafa".

Ir-rikorrent xehed ukoll *viva voce* u kkonferma li hu twieled fl-Egittu, fejn hemmhekk m'ghandhomx sistema ta' 'family book'.

**Franziska Baur** xehdet permezz ta' affidavit (fol 16) u qalet, li hi u zewgha ghandhom zewgt itfal, Alia li twieldet fil-5 ta' Awwissu 2015 u Naiima li twieldet fit-18 ta' Awwissu 2018. Spjegat li fl-att tat-twelid ta' Alia, kunjom zewgha gie indikat bhala "Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa" b'hekk, kunjom binthom Alia gie indikat bl-istess mod. Semmiet li fl-att tat-twelid ta' Naiima, kunjom zewgha tnizzel kif suppost u cioe` "Mustafa" kwindi kunjom Naiima gie kif suppost "Mustafa". Ziedet tghid, li fl-att tat-twelid ta' Alia kunjom zewgha tnizzel b'dak il-mod peress li tnizzlu "Abdeltawab Abdelrahman", li huma l-ismijiet tal-antennati ta' zewgha, u dawk l-ismijiet ma jikkostitwixux il-kunjom *stante* li l-kunjom huwa biss "Mustafa".

In sostenn ghal dak sostnut fl-affidavit, ir-rikorrent esebixxa kopja tal-kuntratt tal-impjieg tieghu, Dok G fejn jidher indikat bhala Sameh Mustafa u kopja tal-kuntratt tal-mobile, Dok H, fejn jidher indikat bhala Sameh Mustafa. Inoltre`, gew esebiti wkoll kopja tal-visa *debit card* mahruga mill-Bank APS, Dok E, *sanction letter* mahruga mill-Bank APS, u kwotazzjoni ta' Loan Protection Plan minn Mapfre MSV Life, Dok G, fejn kunjomu jidher indikat bhala "Mustafa."

Fost id-dokumenti esebiti, hu esebixxa kopja tal-passaport tieghu (fol 99), fejn jidher li kunjomu huwa "Mustafa." *Di piu`*, ir-rikorrent ipprezenta l-att tat-twelid originali Egizzjan tieghu, flimkien mat-traduzzjoni tal-istess certifikat, bhala Dok CF1 (fol 102-103). Illi giet esebita wkoll kopja tal-passaport tieghu li kien validu fl-10 ta' Awwissu 2015, bhala Dok RS1, *stante* li dan kien gie pprezentat meta rregistra lill-minuri Alia. F'din il-kopja esebita, kunjomu huwa indikat bhala "Mustafa."

Ghalhekk, il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-korrezzjonijiet mitluba.

Referibbilment ghall-kwistjoni tal-ispejjez, il-Qorti taqbel mat-tezi tal-intimat li kienu l-istess rikorrenti li ffirmaw id-dettalji kif registrati fl-att tat-twelid ta' binthom, kif jidher minn Dok DRP1 esebit mar-risposta, ghalhekk id-Direttur intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta`** u **tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li kunjom il-minuri Alia huwa "Mustafa" u mhux "Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid numru 4083/2015 tal-minuri Alia, fis-sens li fil-kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-kunjom" il-kunjom tal-minuri Alia ghandu jkun "Mustafa" u mhux "Abdel Tawab Abdel Rahman Mustafa", u taht l-intestatura "Isem u kunjom missier it-tarbija", ghandu jigi indikat li isem il-missier huwa "Sameh Abdeltawab Abdelrahman", u kunjomu huwa "Mustafa."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti**.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Mejju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Mejju 2019**